# L-Intercessjoni

## X'inhi l-intercessjoni u fejn hu postha fit-Tigdid Karizmatiku?

L-intercessjoni hija talba maghmulha lil Alla ghal haddiehor  fejn min jintercedi jaghmilha ta' medjatur bejn Alla u l-persuna li qed jitlob ghaliha. Issir ukoll bhala thejjija biex dawk il-progetti  li wiehed ikun qed jippjana jigu rrealizzati. Huwa ghalhekk li  l-intercessjoni hija parti integrali mit-Tigdid fejn Alla kontinwament  jissorprendina bil-pjanijiet  tieghu.

L-intercessjoni m'hijiex  talba hafifa tal-mument ,imma  hija  talba intensa maghmula b' impenn fejn l-intercessur ma jehdiex jitlob qabel ma jakkwista dak li jkun qed jintercerdi ghalih. Hija talba hajja li bosta drabi titlob aktar azzjoni min-naha ta' l-intercessur,  fejn  Alla jitlob s-sehem, ckejken kemm hu ckejken, tieghu.  Din l-azzjoni tista' turi ruhha taht bosta ghamliet  differenti bhal sawm, cahdiet personali, mixjiet ta' protesta,  "formazzzjoni ta' pressure groups" etc. L-intercessjoni titlob ukoll li wiehed izomm ruhu aggornat dwar is-sitwazzjoni li Alla jpoggilu fuq qalbu biex wiehed jintercedi ghaliha. Dan jista isir billi wiehed jara l-ahbarijiet, jaghmel ricerka u jfittex li jkun aktar intiz fuq is-sitwazzjoni. Ghalhekk l-intercessjoni m'hijiex  sempliciment  talba tal- mument  imma stil ta' hajja fejn l-intercessur ifittex lill- Ispirtu Qaddis ghall-mod, u l-kif ghandu jintercedi.

Kull nisrani prattikament huwa msejjah ghall-lntercessjoni imma bhal kull don iehor hawn  min inghata dan id-don b'aktar qawwa.  Huwa ghal dan il-ghan li twaqqaf il- Ministeru  ta' l-Intercessjoni fi hdan it- Tigdid Karizmatiku. Bhad-doni l-ohra dan id- don aktar ma jittiehed bis-serjeta aktar jimmatura u ghalhekk  il- htiega kontinwa ghat - taghlim li jsir kemm permezz tal- kelma kif ukoll bil-qsim ta' l-esperjenzi personali bejn l-ahwa.

Nemmen li waqt li dejjem kien hemm min kien ilu jintercedi fit-Tigdid, kiem hemm min il- Mulej pogga fuq il-qalb tieghu it- twaqqif ta' dan il-ministeru biex jigbor ir-risorsi li kien hemm imxerrda u jpoggi l-Intercessjoni fuq bazi ufficcjali. Kien Nikol Baldacchino li dak iz-zmien kien imexxi L-NSC li avvicina lil Gordon Fitz biex jiehu hsieb ir- responsabbilta ta' dan il- ministeru. Gordon Fitz waqqaf l-ewwel zewg gruppi ufficcjali ta' L-Intercessjoni f'Ottubru ta' l-1997.  Il- migja ta' Kim Collins  F'Malta sitt snin ilu heggitna biex bi thejjija ghall-festa ta' Pentekoste  ninghaqdu ma' Gruppi ta' Talb madwar d-dinja kollha f'talb ta' ntercessjoni b'suggetti komuni.  Ghall-ewwel bdiet adorazzjoni kontinwa mifruxa fuq tlitt ijiem lejl u nhar u issa  ghal dawn l-ahhar  tlitt snin din l-adorazzjoni kontinwa twalet ghal disat ijiem shah.

Matul dawn is-snin il- Ministeru  ta' l-Intercessjoni ghen bosta gruppi biex jitwaqqfu gruppi ta' l-intercessjoni.  Saru wkoll bosta laqghat ta' formazzjoni u nformazzjoni. Il- Ministeru ta' l-Intercesjoni ghadu joffri din l-ghajnuna lil dawk 'il gruppi li jixtieqi jsiru jafu aktar dwar din is-sejha. Matul is-sena nlaqqqghu l-Gruppi ta' l-Intercessjoni  erba' darbiet biex inwasslu aktar taghlim dwar dan id-don. Il-Ministeru ta' l-intercessjoni  jahseb ukoll biex jigbor il-profeziji li l- Mulej jaghtina fil- Gruppi ta' l-Intercessjoni biex hekk nifhmu aktar car dak li Huwa jkun qieghed jghidilna. Il- Ministeru ta' L-Intercessjoni huwa wkoll responsabbli ghall-organizzazzjoni tan-Novena ta' L-Ispirtu S-Santu maghrufa ahjar bhala L-'Burning Bush Adoration.

Ghad fadal bosta xoghol x'isir ghax il-vizzjoni li tana l- Mulej ghall-ministeru ta' l-intercessjoni  tisboq bil-wisq ir- rizorsi li ghandna bhalissa f'idejna. Min jaf  forsi l-Ispirtu Qaddis jpoggilek fuq qalbek din

is-sitwazzjoni u int ukoll tinghaqad maghna u tintercedi ghal dan il-ghan.  Fost affarijiet ohra din il-vizzjoni tinkludi:

- Librerija ta'cassettes, CDs b'talks dwar l-intercessjoni.
- Webpage b'taghrif  siewi bhal  detalji ta' gruppi ta'ntercessjoni, detalji ta' laqghat, cirkularijiet, Links ghal websites ohra dwar l-intercessjoni,  audio talks, artikli  etc.
- Kors tal-KFL dwar L-Intercessjoni mtellgha minn kelliema li ilhom zmien f'dan il-qasam.
- Weekend ta' ntercessjoni fejn il-mexxejja jaqsmu x'qed jigri fil-grupp ta' ntercessjoni, itellghu taghrif u ricerka (power point, boards) dwar xi sitwazzjoni partikolari li jkunu qed jintercedu ghaliha, quddiesa ta'Intercessjoni, xi attivita ohra bhal mixja ta' solidarjeta etc.
- Konferenza ddedikata ghall-Intercessjoni bil-possibilta li nistiednu kelliema barranin.
- Organizzazzjoni ta' safar biex nattendu ghal Konferenzi barra minn Malta.